# MANWEL AQUILINA (IR - RATAL) - BENNEJ TAD-DGHAJJES

**Angelo Dougall**

Fl-4 ta' April,1999 miet Manwel Aquilina, aktar magħruf bil-laqam ta' "Ir-Ratal". Twieled Bormla fl-1905, għadda l-bidu ta' ħajtu jaħdem il-Kalkara, imma għamel snin sħaħ jgħix f'Birżebbuġa. Miet ta' 94 sena fl-Isptar San Luqa, għalhekk nitolbu lil Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

Manwel kien mgħallem prim fis-sengħa ta' l-injam u bennej magħruf sewwa għall-opri tal-baħar. Minn ċkunitu trabba f'atmosfera marittima, tela' u kiber żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija. Kien imgħallem tajjeb, ħaddiem ħabrieki u bieżel, u minn taħt idejh ħarġu ħafna opri tal-baħar.

Lil Manwel wieħed kien isibu dejjem għal xi tagħrif dwar dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja soċjali maltija u marittima, u dwar arti tal-folklor marittimu. Kien jaf u jiftakar bosta bennejja tal-opri tal-baħar, l-aktar lil l-imgħallmin tal-Cottonera u l-Kalkara taħt il-Posta ta' Kastilja fil-Birgu, u dam hemm sa ma bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija. Kien bniedem twajjeb, umli, ċajtier u dħuli; kien raġel għaqli u tal-familja. Kien ħarreġ ukoll lil xi żagħżagħ f'dan il-mestier.

**Arti floklorisika marittima.**

Manwel kien jinqala' ħafna għal xogħol ta' tinqix, skultura u lavur kif ukoll għal tpinġija folkloristika u tipika li jiżżejnu bihom l-opri tal-baħar. F'din il-ħaġa baqa' attiv sa l-aħħar snin ta' ħajtu, u għal dan baqa' mfittex ħafna. Qatt ma kien tani xi ħjiel fejn kien tgħallem din l-arti, u sa ftit snin qabel miet, baqa' jżejjen b'arti tipika u folkloristika, u jiskolpi f'ħafna opri tal-baħar. Meta kien għadu attiv fil-mestier tiegħu, kienu jibgħatu għalih għal dan ix-xogħol ta' arti folkloristiku f'kull rokna ta' Malta. Kien jiskolpi lavur tipiku bħal l-għajn, stilel, l-armi tal-prins, (Prince of Wales) u l-pjumi, makkaronetti, iljuni għad-dgħajjes tal-pass, ajkli u tjur oħra bħal borok u ċinji, faxex imberflin u żigarelli bl-isem tad-dgħajsa, lavur fit-tappieri, fl-ispallieri u fil-falki; ħut, sireni, draguni tal-baħar, fjuri jew disinji fil-geriti u l-iskalmotti, u kull xorta ta' tiżjin u lavur folkloristiku, tinqix u tpinġija li bihom jiżżejnu l-qxur tal-baħar ta' dawn il-gżejjer. Kien hu stess, Manwel, li kien jippitturahom u jagħtihom l-ilwien.

Dawn l-imgħallmin tas-sengħa tal-baħar qegħdin, bil-mod il-mod, jitnaqqew u jonqsu aktar ma jgħaddi ż-żmien; u ma' dawn jispiċċa wkoll ix-xogħol ta' arti dekorattiva u folkloristika li bih jiżżejnu l-opri Maltin tal-baħar.




*Ritratt ta' dgħajsa, kartolina pubblikata minn Joseph Galea & Sons, South Street, Valletta*

**NOTA DWAR ID-DGĦAJSA MALTIJA** **Lorenzo Zahra**

Id-dgħajsa hija mezz tat-trasport kollu kemm hu Malti, fuq il-baħar. Minħabba f'hekk, hawn ġbart xi ismijiet ta' partijiet tad-dgħajsa biex ma jintremewx kif qed jiġri lid-dgħajsa Maltija li biż-żmien ġiet sostitwita mill-*motor boats* u l-jottijiet. L-ismijiet huma dawn:

Il-falki: il-falka ż-żgħira ta' l-ispalla, u l-falka ta' l-iljun.

Rota: ta' quddiem (tal-pruwa), u ta' wara (tal-poppa)

It-tamburett L-ispalliera It-tappiera biċ-ċint L-imqadef

Il-battusi L-iskalm li jidħol fil-battusi Il-makkaronetti

Il-majjieri L-istamnari It-trinkarin Il-Parjola

Il-ħames kriżijiet L-erba' battarjoli tat-tinda (dawk weqfin) Il-barinell

L-erba' battarjoli mimduda magħrufa bħala il-lasti bl-għasafar Il-pustiera

Il-pustiera bil-hanżira Il-kontra roti tal-pruwa u dawk tal-poppa